MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 19/2008/1

Patricia Ann Needham

vs

Dr. Samuel Azzopardi LL.D. li b'digriet tal-5 ta' Ottubru 2007, gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefer Nicholas Needham, u b'digriet tal-20 ta' Novembru 2008, l-istess Avukat Samuel Azzopardi gie mahtur bhala kuratur tal-wirt battal ta' Nicholas Needham li miet fil-mori tal-kawza.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tal-attrici tal-25 ta' Gunju 2008, li jghid hekk :

'Peress illi l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici s-somma ta' elf disa' mija u wiehed u ghoxrin Euro u tlieta u sebghin centesimi (€1921.73) pari ghal tmien mija u hamsa u

ghoxrin Liri Maltin (Lm825) dovuti lilha fi hlas ta' manteniment ghax-xhur ta' April, Mejju, u Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), u dan kif ordnat permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Novembru 2005, l-istess konvenut ghandu jigi kkundannat minn dan it-Tribunal sabiex ihallas l-imsemmija somma b'effett immedjat, u bl-imghax skond il-ligi.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.'

L-Avukat Dottor Samuel Azzopardi mahtur kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-konvenut assenti, u sussegwentement ghal mewt tal-konvenut li grat fil-mori tal-kawza, huwa gie mahtur kuratur tal-wirt battal tal-istess konvenut, baqa' ma dahhal ebda risposta, u rrimetta ruhu ghall-provi li gew migbura fil-kawza fl-ismijiet : Patricia Ann Needham deciza fil-15 ta' Lulju 2008 [Avviz numru 16/07] ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ta' din il-kawza u tal-kawza Avviz numru 16/2007, li ghal provi hemm migbura qablu u ghamlu riferenza l-partijiet ;

Sama' lill-attrici bil-gurament fejn ikkonfermat li ghall-perjodu indikat fl-avviz tat-talba, hija ma rcevietx minghand il-konvenut il-hlas tal-manteniment li gie kkundannat li jhallasha bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Novembru 2005, fil-kawza fl-ismijiet : Patricia Ann Needham vs Dottor Carmelo Galea noe.' [Citazzjoni numru 56/00], u li ghandha tithallas minghandu l-ammont ta' elf disa' mija u wiehed u ghoxrin Euro u tlieta u sebghin centesimi (€1921.73) pari ghal tmien mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm825) ghall-perjodu msemmi fl-avviz tat-talba ;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi din hija kawza fejn l-attrici qeghdha titlob li zewgha jigi kkundannat ihallasha l-manteniment li gia' kien gie kkundannat li jhallas b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-4

ta' Novembru 2005, fil-kawza fl-ismijiet : Patricia Ann Needham vs Dottor Carmelo Galea noe [Citazzjoni numru 56/2001]. B'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell kienet ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici ghal darba wahda biss s-somma globali ta' hamsa u tletin elf Lira Maltin [Lm35,000] illum ekwivalenti ghal wiehed u tmenin elf hames mija u tmienja u ghoxrin Euro u sebgha centesimi [€81,528.07] minflok manteniment ratejali, liema somma ghandha tithallas mis-sehem tal-konvenut mir-rikavat tal-bejgh bis-subbasta tad-dar matrimonjali, li gie ordnat bl-istess sentenza, b'dan illi sakemm isir il-hlas ta' l-imsemmija somma globali, il-konvenut gie kkundannat li jhallas lill-attrici retta alimentari ta' mitejn u hamsa u sebghin Lira Maltin [Lm275] illum ekwivalenti ghal sitt mija u erbghin Euro u tmienja u hamsin centesimi [€640.58] fix-xahar b'effett mid-data ta' dik is-sentenza sa dakinhar li jsir l-imsemmi hlas tas-somma globali.

Fid-dawl ta' dik is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, liema sentenza tikkostitwixxi fiha nnifisha titolu esekuttiv ai termini tal-artikolu 253(a) tal-Kap.12, dan it-Tribunal ma jistghax jifhem x'kien l-iskop tal-attrici li tintavola kawza wara l-ohra fejn qed titlob kundanna minn dan it-Tribunal fil-konfront tal-konvenut ghal hlas tal-manteniment meta gia' ghandha sentenza favur taghha li llum tikkostitwixxi gudikat. Il-Qorti tal-Appell ghamlitha cara li l-konvenut irid jibqa' jhallas ir-retta alimentari ta' mitejn u hamsa u sebghin Lira Maltin [Lm275] fix-xahar sakemm tinbiegh id-dar matrimonjali bis-subbasta u jinqasam ir-rikavat tal-prezz taghha bejn il-partijiet. Ghalhekk bis-sahha ta' dik is-sentenza, l-attrici ghandha f'idejha titolu esekuttiv li jaghtiha dritt li oltre s-somma globali ta' hamsa u tletin elf Lira Maltin [Lm35,000], hija tigbor ukoll mir-rikavat tas-sehem tal-konvenut mill-bejgh tad-dar matrimonjali kull ammont iehor f'arretrati ta' manteniment li sa dak in-nhar ikun ghadu ma giex saldat. Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, l-attrici gia' ghandha f'idejha titolu esekuttiv li bis-sahha tieghu jaghtiha d-dritt li tmexxi bl-esekuzzjoni tieghu permezz ta' wiehed jew aktar mill-mezzi kontemplati taht l-artikolu 273 tal-Kap.12.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba attrici.

Spejjez fic-cirkostanzi, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------